**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 12 TA' LULJU 2002.**

Avviz Numru 1050/01 AJD.
Joanne Fenech

vs

Rita Darmanin

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Settembru 2001 fejn l-attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600.00), jew somma ohra verjuri, rapprezentanti hlas dovut lill-attrici ghal danni li sofriet fil-vettura taghha tal-marka Maruti 800 bin-numru tar-registrazzjoni AAV 106 f'incident stradali li sehh fl-10 ta' Lulju 2001 ghal habta tad-9.30am gewwa Triq Nicolo' Isouard, Mosta ghal liema hija responsabbli l-konvenuta li dak il-hin kienet qeghda ssuq l-vettura tal-marka Tata bin-numru tar-registrazzjoni CBH 318.
Bl-ispejjes kontra l-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:

1. Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjes kontra l-istess attrici stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi d-danni reklamati huma eccessivi.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Ssema' x-xhieda tal-attrici, ta' PC 548 Alfred Micallef, ta' Joseph Muscat, Louis Fenech u tal-konvenuta.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fl-10 ta' Lulju 2001, fi Ttriq Nicolo' Isouard kantuniera ma' Triq Tabib Tumas Chetcuti bejn vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAV 106 misjuqa mill-konvenuta u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBH 318 misjuqa mill-konvenuta.

Illi ll-attrici xehdet li fid-data tal-incident hija kienet qed issuq fi Triq Nicolo  Isouard u sejra fid-direzzjoni tal-knisja tal-Mosta. Hija kienet qed issuq b'velocita' ta' madwar tjetin (30) kilometru fis-siegha u u kienet fuq in-naha taghha tat-triq. Malli waslet fil-kantuniera ma' Triq Chetcuti, l-attrici hasset daqqa fuq il-genb ta' wara tan-naha tax-xellug tal-vettura taghha u meta nizlet mill-vettura hija ndunat li kienet giet milquta mill-vettura misjuqa mill-konvenuta. Bid-daqqa l-vettura tal-attrici daret u spiccat thares fid-direzzjoni opposta ghal dik li kienet

qed tipprocedi fiha originarjament. Fit-tarf tat-triq minn fejn harget il-konvenuta kien hemm Stop Sign.

I

lli l-konveuta xehdet li hija kienet qed issuq il-vettura taghha bin-numru tar-registrazzjoni CBH 318 u x'hin waslet f'salib it-toroq u precizament fil-kantuniera ma' Triq Nicolo' Isouard, ma ratx karozzi gejjin u ghalhekk bdiet taqsam it-triq. Malli waslet f'nofs it-triq hija habtet  mal-vettura tal-attrici, hija rat il-vetura tal-attrici biss mal-haabta. Mistoqsija mit-Tribunal jekk waqfitx fil-kantuniera, l-konvenuta rrispondiet li ma tiftakarx u qalet ukoll li kellha vizwali ta' madwar tul ta' zewg vetturi mid-direzzjoni minn fejn kienet qed tipprocedi l-attrici.

Illi s-surgent tal-Pulizija li nvestiga l-kaz ikkonferma li Triq Nicolo' Isouard hija triq principali fil-konfront ta' Triq Tabib Tumas Chetcuti. Inoltrre mill-iskizz tal-pulizija jirrizulta li fit-tarf tat-triq minn fejn harget il-konvenuta kien hemm Stop Sign. Il-konvenuta pruvat tallega li din l-Istop Sign ma kienetx hemm fid-data tal-incident izda tpoggiet wara. F'dan ir-rigward it-Tribunal jisttrieh fuq l-iskizz tal-pulizija. Inoltre mill-istess skizz, mir-ritratti tal-lokalita esibiti mill-attrici u mill-mappa mehuda mill-'Maze'esebita mill-konvenuta jirrizulta inekwivokabilment li Triq Nicolo' Isouard hija t-triq principali. Il-konvenuta  kellha vizwali tajba fid-direzzjoni minn fejn kienet gejja l-attrici u s-surgent ikkonferma li ma kienx hemm vetturi pparkkjati li setghu b'xi mod jostakolawlha l-istess vizwali. Jidher ghalhekk li l-incident de quo sehh unikament tort tal-konvenuta li ex admissis qabdet u harget minn fuq Stop Sign sabiex taqsam triq principali minghajr ma esplorat

it-triq adegwatament u aktar importanti minghajr ma waqfet kif suppost kellha taghmel.

Illi fir-risposta taghha l-konvenuta eccepiet li d-danni reklamati mill-atttrici kienu eccessivi izda mbaghad ma resqitx provi sabiex tissostanzja din l-eccezzjoni. Min-naha l-ohra l-attrici esebiet biss survey report ( a fol. 52 tal-process) minn fejn jirrizulta li l-prezz aprossimattiv ghar-riparazzjonijiet huwa ta ‘ mija u tmenin lira Maltin (Lm180.00). Skond dan is-survey rreport ghandhom jinbidlu is-segwenti parts: ‘Door R/L/H, rear wing, bumper, rear weather strip R/L/H’. Is-surveyor ma ndikax il-prezz ta’ dawn il-parts u l-anqas ma indika l-prezz tar-riparazzjonijiet li kellom isiru fit-tapezzar tas-saqaf tal-vettura in kwistjoni. L-istess surveyor ikkonceda hamest ijiem ghall-“loss of use”. Irid jigi rilevat li dan is-survey report gie konfermat mis-surveyor in kwistjoni, Joseph Muscat, liema surveyor tqabbad mill-assikurazzjoni tal-konvenuta. L-attici xehdet li hija ghada ma effetwatx ir-riparazzjonijiet fil-vettura taghha.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li l-ammont ta’ sitt mitt lira Maltin (Lm600.00) mitlub mill-attrici m’huwie eccessiv u jirrispekja il-prezz tal-parts li jridu jinbidlu u l-prezz tar-riparazzjonijiet li jridu jsiru fil-vettura propjeta’ tal-attrici.

Ghal daawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta ‚jilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta’ sitt mitt lira Maltin (lm600.00).

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**